**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 386/2016**

**TM u GM ('l-ilmentaturi')**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C 30053) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-12 ta' Gunju 2018**

**L-Arbitru**

Ra l-ilment fejn l-ilmentaturi jghidu li kienu investew is-somma ta' £14,441.67 fil-*Lifemark S.A. Secure Income Bond 3,* liema investiment sar fuq parir tal-provditur tas-servizz li bieghilhom l-istess prodott.

Illi l-provditur tas-servizz kien wieghedhom li l-kapital kien garantit imma dan ma kienx il-kaz u, ghalhekk, hassewhom '*ittraduti*'.

Illi huma qed jitolbu li jinghataw is-somma ta' £12,144.50 li huwa t-telf li ghamlu minn dan il-prodott.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentaturi in kwantu bbazati fuq responsabbiltà extra

kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentaturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentaturi;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hux minnu li fid-data tat-12 ta' Settembru, 2008, l-ilmentaturi inghataw xi parir jew servizz hazin kif allegat fil-Formula tal-Ilmenti;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hux minnu, kif allegat fil-Formula tal-Ilmenti, li l-esponenti ttradiet lill-ilmentaturi, u dan b'ebda mod;

6. Illi in kwantu l-asserzjoni li gew traduti, maghmula mill-ilmentaturi, tista' tinftiehem li l-kunsens taghhom ghall-investiment *de quo* ittiehed b'xi qerq jew ingann – dan qieghed jigi respint bhala infondat fil-fatt u fid-dritt, u *in ogni caso*, tapplika wkoll il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma hi b'ebda mod responsabbli ghal kwalunkwe telf allegat mill-ilmentaturi u m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ammont ta' GBP12,144.50 pretiz mill-istess ilmentaturi;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti l-ohra tal-kaz

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni**:

Il-provditur tas-servizz qed jaghti tlett eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni, ibbazati fuq l-Artikoli 1222(1), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna stabbilew diversi regoli sabiex jitfghu dawl fuq dak li jipprovdi l-Kodici Civili dwar dan l-istitut.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk tigi milqugha, ikun ifisser li l-kaz ikollu jieqaf u, ghalhekk, tkun qed tittermina l-kaz. Proprju minhabba f'hekk li l-ligi u anke l-gurisprudenza jridu li qabel xejn min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha.

L-eccezzjoni numru sitta tirreferi ghall-Artikolu 1222(1) et seq tal-Kap. 16 li jipprovdi dwar preskrizzjoni ta' azzjoni ta' '*rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ecc.'*

F'dan il-kaz m'hijiex tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, din l-eccezzjoni hija irrelevanti ghall-kaz in kwistjoni u qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni hija dik kontemplata mill-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 li jghid li:

'*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.'*

Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma '*ex delictu vel quasi'*. Meta d-danni huma '*ex contractu'* ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.[1]

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza ***Avv Dr. Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et*** **deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat" hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali' (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622).*

[1] *Go p.l.c. vs Charles Dimech*, PA, 28/07/2011

F'dan il-kaz kien hemm obbligazzjoni kuntrattwali u, ghalhekk, il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 ma tistax tregi. F'dan il-kaz inbiegh prodott finanzjarju kif jirrizulta minn diversi dokumenti fosthom il-*Purchase Contract Note*[2] u, ghalhekk, sehhet tranzazzjoni kummercjali bejn il-partijiet. Galadarba r-rimedju mitlub mhux indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali, il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 ma tistax tirnexxi u qed tigi michuda.

L-Arbitru jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet: ***Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.* deciza fl-1 ta' Gunju 2017,** fejn gie deciz li dawn it-tranzazzjonijiet huma ta' natura kuntrattwali.

L-eccezzjoni numru wiehed ghall-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' hames snin tapplika ghal: '*azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku'.*

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza '***Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et'*, [Deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 –Vol LXXXII.II.751]** dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju [fejn il-preskrizzjoni hija dik tal-azzjoni kriminali], dawk derivanti minn htija akwiljana [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn] u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin].[3]

Ghalhekk l-Arbitru jrid jikkunsidra jekk dan il-kaz hux preskritt ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

[2] A Fol 9

[3] Ara wkoll, '*Emanuele Cassar vs Marija Ciappara'* [Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 1953]

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '*Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe*[4]

*'Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq.'*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[5]

   Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza '*Causon vs Sheibani noe*' illi:-**

   ***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le.'***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni.

   ***Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:***

   ***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubbju dwar l-

[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003
[5] *Holland noe vs Chetcuti*, QA, – 25 ta' Frar 2000)

applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[6]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentaturi skadielhom iz-zmien ta' hames snin minn mindu setghu jezercitaw l-azzjoni.

Huwa l-provditur tas-servizz li jrid jipprova dan. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-provi migjuba mill-provditur tas-servizz huma ftit skarsi u l-uniku xhud tal-provditur tas-servizz, Michael Schembri, f'dan ir-rigward xehed hekk:

'*Niehu l-okkazzjoni li nghid ukoll illi minn meta inghata s-servizz ilmentat, f'Lulju 2008, sakemm inbdiet din il-kawza fit-8 ta' Lulju 2016, GCFM ma rceviet ebda karti mill-Qorti minghand il-konjugi TM u GM – qed nitkellmu dwar trapass ta' kwazi tmien snin.*'[7]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-provditur tas-servizz jghid li l-perjodu tal-preskrizzjoni kellu jibda jghodd mit-12 ta' Settembru 2008, '*…meta inghata s-servizz u eventwalment inxtara l-investiment de quo…*'.[8]

Din id-data indikata mill-provditur tas-servizz ma tistax tkun id-data minn meta oggettivament l-ilmentaturi setghu jaghmlu l-azzjoni ghal diversi ragunijiet. Qabel xejn, bejgh ta' prodott finanzjarju huwa differenti hafna minn bejgh ta' prodott iehor. L-effikacja u l-idonjetà ta' prodott finanzjarju fil-konfront tal-klijent hafna drabi tkun tista' tigi evalwata mill-istess klijent wara t-trapass ta' certu zmien u gudikat mill-andament tal-prodott. Li kieku kull min jixtri prodott finanzjarju jibda mill-ewwel jiehu passi legali kontra min bieghulu jkun hawn dizgwid kbir f'dan is-settur, u zgur li l-provditur tas-servizz ikollu ragun jilmenta li l-azzjoni tkun wahda intempestiva jekk mhux vessatorja. Ghalhekk, il-mument oggettiv li fih l-ilmentaturi setghu jaghmlu azzjoni ma jistax ikun il-mument tal-bejgh tal-prodott u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz ma rnexxilux jipprova l-mument minn mindu l-ilmentaturi setghu jaghmlu l-azzjoni, u b'hekk ma rnexxilux jipprova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 kif inhu obbligat li jaghmel.

[6] *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited*, PA, 12/10/2004
[7] A Fol 142
[8] A Fol 326

Ghall-kompletezza tajjeb jigi nnotat li minkejja li tissemma l-ittra tal-5 ta' Marzu 2010,[9] f'din l-ittra il-provditur tas-servizz jispjega li lanqas huma ma kien irnexxilhom jiksbu l-informazzjoni mehtiega u wieghdu lill-ilmentaturi li: '…*will continue to endeavour to do so on your behalf. We assure you that as soon as we have more information we will immediately update you accordingly'.*

Fid-dawl ta' din l-ittra ma jistax jinghad li l-ilmentaturi setghu jaghmlu azzjoni fl-2008 meta xtraw il-prodott. Anke skont dak li xehed Michael Schembri fil-kontroezami tieghu,[10] jghid li kien fl-2013 li l-*GlobalCapital* kien informa lill-klijenti tieghu li ma kienux ser jiehdu flushom u ma setghux jinfurmawhom qabel ghaliex ir-rapport tal-KPMG kien ghadu ma harigx. Jekk il-provditur tas-servizz ma setax jiehu decizjoni ghax kien ghadu qed jistenna r-rapport tal-likwidaturi, kif setghu l-ilmentaturi jiehdu azzjoni galadarba kienu qed jistennew lill-istess provditur tas-servizz jaghtihom l-informazzjoni mehtiega?

Fl-2013 tlesta r-rapport tal-KPMG u kien minn dik id-data li l-ilmentaturi setghu jiehdu indikazzjoni ragonevoli tal-andament tal-investiment taghhom. Minn dik id-data sa meta ipprezentaw l-ilment taghhom quddiem l-Arbitru f'Lulju 2016, m'ghaddewx hames snin.

Bdew isiru pagamenti akkont minn Novembru 2013, u kien proprju fid-29 ta' Jannar 2016, li sar l-ahhar pagament fejn intqal lill-ilmentaturi li dan kien l-ahhar pagament li setghu jircievu.

Ghalhekk kollox juri li l-azzjoni mill-ilmentaturi ma setghetx issir kif jghid il-provditur tas-servizz mal-bejgh tal-prodott *de quo* u, peress li din l-eccezzjoni ma gietx ippruvata, qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

L-ilmentaturi qed jitolbu li jinghataw il-flus li tilfu meta l-provditur tas-servizz bieghilhom il-prodott ***Keydata International Secure Income Bond, Issues 2&3 (SIB).*** Jghidu li '… *wiegheduni li l-kapital huwa garantit, imma ttradewni'.*

[9] A Fol 69

[10] A Fol 310

Għalhekk, fi kliem ieħor, qed jgħidu li sar *misselling* ta' prodott ta' investiment finanzjarju.

Il-provditur tas-servizz jiċħad dan u jgħid li l-ilmentaturi kellhom esperjenza fl-investiment, li dan il-prodott kien *low risk* u addattat għalihom.

**L-Arbitru jrid jiddeċiedi dan l-ilment b'referenza għal dak li fil-fehma tiegħu huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ.**[11]

Sabiex ikun jista' jagħmel dan, l-Arbitru jrid jara n-natura tal-prodott mibjugħ, jara l-profil tal-ilmentaturi u kif ġie mibjugħ dan il-prodott.

## Il-Prodott

Dan il-prodott, il-*Keydata Secure Income Bond (SIB),* jew kif indikat fuq il-*Purchase Contract Note,* il-*Lifemark S.A. Secure Income Bond 3 GBP,* kien prodott ibbażat fuq negozju fil-pensjonijiet dwar il-ħajja fis-suq Amerikan. Kif jidher mill-*brochure*,[12] ippronunzja ruħu bl-aktar mod enfatiku li jagħti qligħ ta' 7.5% kull sena fl-iSterlina u 7% fis-sena fid-Dollaru u l-Ewro għall-perjodu ta' ħames snin.

Is-*Secure Income Bond Fund* (*SIB*) kien investiment tal-kategorija *asset-backed securities.* Mingħajr ma wieħed joqgħod jidħol fid-dettall tal-istruttura legali (u kumplikata tiegħu ), l-*SIB* kien jinvesti f'*bonds* (*security bonds*) li l-assi *underlying* tagħhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja ta' individwi Amerikani.

Dan il-prodott, fost affarijiet oħra, falla għaliex l-analiżi tal-aspettattiva tal-ħajja/mewt tal-*life-assured* ma kinetx korretta. Aktar ma wieħed idum ħaj, aktar irid idum iħallas *premium* biex il-polza tibqa' ħajja inkella titlef fil-valur. Dan joħloq problema ta' likwidità biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja.

Dan kien riskju li ħafna analisti ma tawx każu. Imma kien, fil-fatt, aspett importanti ħafna. Minħabba l-avvanzi fil-mediċina, ħafna nies jibqgħu jgħixu għal żmien itwal u b'hekk il-*premium* irid idum jitħallas għal numru ta' snin aktar.

---

[11] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[12] A Fol 26 et seq

**Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura, lanqas wiehed jistenna li *retail investors* bhalma huma l-ilmentaturi kellhom ikunu f'qaghda li jaghmlu dan.**

**Apparti l-fatt ukoll li l-isem *SECURE INCOME BOND* jaghti lill-investitur bla esperjenza x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji, jew riskji baxxi u limitati.**

Jekk wiehed ihares lejn il-*brochure* tipiku tal-*SIB*[13] jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul ( *Annual Income Over 5 Years*), ritratt kbir ta' *lighthouse* (simbolu tas-sigurtà) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l-beneficcji u l-kwalità tal-prodott:

*'Aims to provide return of capital after 5 years:*

*Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent;*

*Quarterly income option available'.*

Ghalkemm fl-istess *brochure* jissemma li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar jew jekk tigbed l-investiment qabel, però, l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.

Taht it-titolu,[14] ***Benefits at a Glance,*** hemm dan it-test**:**

*> An investment with NO Stock Market exposure*

*> Investing in cash and assets issued by institutions rated 'A' or better by Standard & Poor's or equivalent*

*> Available via banks, stockbrokers and direct investment*

*> Low minimum investment – Only £10,000 / $20,000 / €10,000*

*> The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*

---

[13] A Fol 26 et seq
[14] Pagna 5 tal-*brochure*, a Fol 28

> *The issuer is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg.*

- Hemm ukoll dan b'tipa kbira: ***'A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls'.***
- Fil-qiegh ta' wahda mill-pagni hemm b'inqas prominenza dan il-kliem: '*Capital is not guaranteed. Like all investments there are certain risks involved which are highlighted within the section "Key Features" on page 13'*.[15]

Il-prodott kellu riskji – il-kapital ma kienx garantit, u kif kien se jmur kien pjuttost ibbazat fuq il-*performance* ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-*assumptions* li jigu ma' dawn il-mudelli.

Ir-riskji kif deskritti forsi kienu jaghtu l-impressjoni li ma kienux ivarjaw wisq minn uhud mill-prodotti l-ohra ta' investiment li forsi kienu qed jigu offruti lil investituri ohra. Il-prodott fl-ebda mument ma kien iwieghed protezzjoni assoluta ghall-kapital.

Però, ma jistax jitqies li dak iz-zmien li nbiegh l-*SIB*, kien investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment **f'kategorija ta' riskju medju ghal riskju gholi.**

Dan mhux qed jinghad *with the benefit of hindsight,* imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'*bonds* li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – u l-istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-*SIB* investiment riskjuz li ma kienx addattat ghal *retail investors* kif kienu l-ilmentaturi .

Dawn it-tip ta' investimenti huma *Asset-Backed Securities* li huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.

Meta l-*MFSA*, li hija r-regolatur f'dan il-qasam, rat li kienu qed jinbieghu prodotti li huma *Asset-Backed Securities* bhal dan il-prodott, interveniet billi harget:

---

[15] A Fol 30

*Warning to prospective investors about Asset-Backed Securities* bhalma hu l-*Lifemark*, fejn qalet:[16]

'*The Malta Financial Services Authority (MFSA) has come across local media adverts, reports and product documentation about investments in 'bonds' or 'fund acccounts' whose performance is linked to assets, such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). By their very nature, these investments are not easy to understand.*

*Despite the fact that they may be promoted as 'alternative' to traditional or conventional investments, these are investment opportunities which involve substantial risks, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment……..'*

*'When it comes to redemption (selling) of these investments, these…restrict the investor from selling his holdings before the investment matures…'*

***'Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant risks.'***

Huwa minnu li dan l-avviz lill-investituri hareg wara li nbiegh il-prodott *de quo* lill-ilmentaturi imma li qalet l-*MFSA* kien proprju deskrizzjoni tal-prodotti li kienu

qed jinbieghu (bhall-*SIB*) u r-riskji li rat l-*MFSA* kienu digà jezistu fil-prodotti li nbieghu u li l-provdituri tas-servizz kienu, jew konxji taghhom u xorta bieghu il-prodotti, jew m'ghamlux *due diligence* serju tal-prodott qabel ma bieghuh.

F'dan il-kaz l-uniku xhud tal-provditur tas-servizz, Michael Schembri, meta gie mistoqsi jekk kienx sar *due diligence* tal-prodott wiegeb biss li: '*Nghid li fil-file ma sibtx dan id-dettall'.*[17]

---

[16] *MFSA Consumer Media Release* 13/11/2009 (ref. 05/2009)

[17] A Fol 310

**Kif inbiegh il-prodott u jekk kienx addattat (*suitable*) ghall-ilmentaturi**

**Il-verzjoni tal-ilmentaturi**

Fl-*affidavit* tieghu l-ilmentatur jghid li huwa u martu ma kienux jifhmu fl-investimenti u ghalkemm kellhom xi investimenti qabel dawn dejjem saru fuq pariri tal-*GlobalCapital* u kienu jhallu kompletament f'idejhom. Jghid ukoll li huma qatt ma riedu prodotti riskjuzi. Meta sar dan l-investiment huwa kellu 63 sena u kien digà pensjonant u, ghalhekk, ma kienx f'pozizzjoni li jirriskja flusu. Qabel ma rtira kien impjegat bhala *driver* u kellu biss edukazzjoni primarja.

Jghid li hu u martu kienu jafdaw lill-*GlobalCapital* u jinvestu fejn jghidulhom peress li huma ma kienux jifhmu. Huma qatt ma indikaw xi prodott partikolari u l-prodott li investew fih qalulhom bih tal-*GlobalCapital.* Jiftakar sew li l-impjegata tal-provditur tas-servizz qaltilhom li dan kien prodott *'Secure'* u li ghalhekk ma kellhomx ghalfejn jinkwetaw.[18]

Martu, GM, tghid li ghalkemm qed tigi deskritta bhala investitura tal-esperjenza, hija u zewgha investew l-ewwel darba mal-provditur tas-servizz meta habiba taghhom qaltilha bihom, u kienu kellmu impjegata tal-provditur tas-servizz li mexxiethom hi peress li ma kienux jifhmu. Kif xehed zewgha, hija kienet mara tad-dar.

*'Dan il-prodott ahna ma konniex nafu bih u ma konniex ahna li tlabna dan il-prodott partikolari. Fil-fatt, ghandi nghid li l-impjegata tal-GlobalCapital ma offritilniex prodotti ohra - qisu dan kien l-uniku prodott tajjeb ghalina. Fil-fatt, tkellmet biss dwar dan il-prodott u ma offriet jew semmiet l-ebda prodott iehor.*

*Jiena niftakar bic-car li l-impjegata tal-GlobalCapital iddeskriviet dan il-prodott bhala wiehed 'secure' u 'low risk'. Anke l-brochures li gejna murija kienu jenfasizzaw li dan kien prodott 'secure' u 'low risk'. Ahna fdajniha f'dak li qaltilna u xtrajna l-prodott.'*[19]

Tghid ukoll li sas-sena 2012, huma baqghu jigu assikurati mill-provditur tas-servizz li setghu jiehdu flushom lura; u kien fl-2016, li l-*GlobalCapital* qalulhom li

[18] A Fol 59-60
[19] A Fol 61

ma kienux ser jiehdu flus aktar. L-ilmentatrici ssostni li ghalihom is-somma ta' £14,441, li investew kienet somma sostanzjali li damu hajjithom igemmghuha.

**Il-verzjoni tal-provditur tas-servizz**

Il-provditur tas-servizz ghazel li jtella' biss bhala xhud lil Michael Schembri, li ma kienx involut fit-tranzazzjoni mertu tal-kaz, izda xehed biss minn dak li sab fil-*file.* Il-persuni li bieghu il-prodott ma ngabux biex jixhdu.

Fl-*affidavit* tieghu, Michael Schembri, jghid fost affarijiet ohra li hu ma kienx involut f'din it-tranzazzjoni, però, milli sab fil-*file* seta' jghid x'gara. Dan a bazi tal-*File Note* datata 30 ta' Lulju 2008, (*DOK C*),[20] u jghid li dan id-dokument jirrifletti l-punti principali tad-diskussjoni li saret meta inghata s-servizz ta' investiment. Dan id-dokument gie iffrimat mill-klijenti bhala konferma tal-kontenut tieghu. Dan id-dokument jinzamm ukoll biex jottemporaw ruhhom mar-regoli tal-*MFSA.* Jghid ukoll li l-ilmentaturi kienu digà midhla tad-dinja tal-investimenti ghaliex kellhom investimenti ohra.

Jghid li mill-*File Note* tal-investiment *SIB* jirrizulta li l-impjegati tal-provditur tas-servizz kienu indikaw diversi prodotti lill-ilmentaturi. Izid jghid li minn dan id-dokument jirrizulta wkoll li gew spjegati r-riskji involuti. Bil-firma taghhom l-ilmentaturi ikkonfermaw li huma kienu jafu li l-investiment seta' jitla' u jinzel u li wkoll setghu ma jiehdux lura s-somma li investew.

Jghid ukoll li fil-mument li sar l-investiment fl-*SIB*, dan l-investiment ma kienx meqjus bhala soggett ghal riskju gholi. L-ilmentaturi kienu accettaw il-kontenut ta' dawk id-dokumenti billi iffirmawhom. Jghid li l-prodott *SIB* kien '*indikat lilna mill-kumpanija ta' barra bhala wiehed ta' riskju baxx u li huwa addattat ghal retail investors'.*[21]

Filwaqt li l-ilmentaturi dehru quddiem l-Arbitru u bil-gurament taghhom qalu x'gara, il-provditur li kellu l-opportunità li jtella' bhala xhieda lil min biegh il-prodott, ghazel li dan ma jaghmlux u strah, specjalment, fuq il-*File Note* (*DOK C*) u jghid li din tirrifletti dak li gara.

---

[20] A Fol 34

[21] A Fol 140-142

L-Arbitru ra sew din il-*File Note,* li hija pprintjata b'tipi zghar hafna tant li l-Arbitru bata biex qraha u, essenzjalment, hija dokument ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz. Hija ibbazata fuq '*disclaimers*' u, kif xehed l-istess Michael Schembri, wiehed mill-iskopijiet ewlenin taghha kien biex jissodisfaw rekwiziti regolatorji. Il-provditur tas-servizz, li kien f'qaghda negozjali superjuri ghall-ilmentaturi, kellu l-obbligu li jaqra u jispjega sew dan id-dokument, u l-ahjar prova li seta' gab kienet tkun ix-xhieda ta' min biegh il-prodott biex jghid verament x'ghamel. Izda, l-provditur ghazel li dan ma jaghmlux.

Hekk kif irreteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz identiku ghal dak odjern,[22] il-fatt li investitur jiffirma dokument f'dan il-qasam tas-servizzi finanzjarji ma jfissirx li kien konsapevoli ta' dak li kien qed jigri.

L-Arbitru jara li l-verzjoni tal-ilmentaturi hija aktar kredibbli ghal dawn ir-ragunijiet. Jekk kellu jhares lejn il-*File Note* jinduna li, kif inghad, hija pprintjata b'tipi zghar hafna, hija *standard form* u fiha ezercizzju ta' ittikkjar ta' kaxxi. Il-kontenut taghha m'huwiex, kif jghid Michael Schembri, stampa fidila ghal dak li gara. Hija gabra ta' *disclaimers* li jigri x'jigri, il-provditur dejjem ghandu triq minn fejn johrog minnha.

Ghalhekk, wahedha, ma tistax taghti stampa oggettiva ta' dak li gara. Jekk kellu l-Arbitru jqabbel din il-*File Note* mal-ohra ta' qabilha, jigifieri dik tal-2004,[23] f'din il-*File Note* m'hemmx imnizzel l-istess dikjarazzjoni li kienu ghamlu l-ilmentaturi fl-2004, fejn kienu qed jiddikjaraw li riedu jinvestu '*into a cautious investment'*. Ghaliex f'din il-*File Note* thalliet barra?

L-ilmentaturi ghamluha cara li huma ma riedux jirriskjaw. U dan jitwemmen ghaliex jekk ma riedux jirriskjaw fl-2004, meta kienu izghar, kienu lesti li jirriskjaw erba' snin wara meta kienu digà pensjonanti?

Barra minn hekk, il-lingwagg uzat f'dan id-dokument ma kienx jaghmilha possibbli ghall-ilmentaturi li jifhmu d-dicitura tieghu. U, fejn tidhol relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant bhal dan il-kaz, huwa relevanti wkoll il-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fl-Artikolu 47 jistipula:

---

[22] *Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Ltd.*
[23] A Fol 76

*'F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uhud minnhom li jkunu offruti minn kummercjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet ghandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom.'*

Il-*File Note* u anke l-*Experienced Investor Declaration*[24] ma humiex konformi ma' dan ir-rekwizit tal-ligi, l-aktar meta jitqies li l-ilmentatur kellu biss skola primarja u l-ilmentatrici xehdet li ma tafx taqra bl-Ingliz.

Barra minn hekk, l-Arbitru huwa konvint li l-ilmentaturi riedu prodott bi ftit riskju ghaliex, kif xehedu, il-flus investiti kienu gejjin mit-tifdil ta' hafna snin u kienu f'età tal-pensjoni li ma setghux jissugraw flushom.

L-Arbitru hu tal-fehma wkoll li l-provditur tas-servizz m'ghamilx *due diligence* tajba tal-prodott *SIB.* Michael Schembri jammetti li huma qaghdu fuq il-kumpanija barranija li kien prodott *'low risk',* u meta mistoqsi in kontroezami jekk kienux ghamlu *due diligence* wiegeb li, *'nghid li fil-file ma sibtx dan id-dettall'.*[25] Huwa mistenni minn provditur tas-servizz f'dan il-qasam li, qabel ibiegh prodott, ikun ghamel *due diligence* serja u approfondita tal-prodott sabiex ma jissugrax flus in-nies.

Dan il-prodott inbiegh fuq il-parir tal-provditur tas-servizz u dan johrog car mix-xhieda tal-ilmentaturi li m'hijiex kontradetta.

Ghalhekk kellu jsir dak li jissejjah *'suitability test'* skont ir-Regola 2.16 tal-i*Standard Licence Conditions* vigenti dak iz-zmien.

Ghalhekk il-provditur tas-servizz kellu jistabbilixxi jekk il-prodott:

a. ***meets the investment objectives of the client in question***;
b. ***it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives***;

[24] A Fol 25. Din il-formola saret erba' snin qabel l-investiment odjern.
[25] A Fol 310

c. ***it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.***

L-Arbitru hu tal-konvinciment li dawn il-kriterji ma gewx sodisfatti. L-ilmentaturi riedu jinvestu fi prodott fejn il-kapital taghhom kellu jkun bl-anqas riskju possibbli u, ghalhekk, l-*SIB* ma kienx qed jilhaq dan il-kriterju kif ampjament muri fl-analizi tal-prodott imsemmi aktar ’il fuq. Barra minn hekk, l-ilmentaturi ma kienux nies ta’ mezzi kbar u, kif xehdet l-ilmentatrici, ghalihom £14,441 kienu hafna meta wiehed iqis li damu jgemmghuhom is-snin. Ghalhekk lanqas it-tieni kriterju ma gie sodisfatt.

Minkejja li l-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi kellhom investimenti ohra, dawn saru fuq parir taghhom u ma giex ippruvat li l-ilmentaturi kellhom ***‘the knowledge and experience in order to understand the risks involved in the transaction’,*** u dan meta wiehed jiehu kont tal-livell ta’ edukazzjoni li kellhom u n-natura tal-prodott *SIB* - li kien prodott *asset backed security* – li, kif anke qalet l-*MFSA,* ma kellux jinbiegh lil *retail investors* bhall-ilmentaturi. Mill-analizi tal-prodott ’il fuq imsemmija li ghamel l-Arbitru jirrizulta car li ma setghux jifhmu r-riskji li kienu abbinati ma’ dan il-prodott.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha moghtija f’din id-decizjoni, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli.

Peress li jitqies li l-prodott *SIB* ma kienx ‘*suitable*’ ghall-ilmentaturi, huma ghandhom jitpoggew kemm jista’ jkun fil-pozizzjoni taghhom qabel ma investew f’dan il-prodott.

Huma investew l-ammont ta’ £14,441, u minnhom irkupraw l-ammont ta’ £2,297 u, ghalhekk, tilfu l-ammont ta’ £12,144.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa’ l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma’ din id-decizjoni u, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta’ tnax-il elf, mija u erbgha u erbghin liri sterlini, jew l-ekwivalenti taghhom fl-ewro, kif jipprovdi l-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez legali ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji